MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 409/2004

**Olta Aluminium Limited**

**vs**

**Il-President Wilfred Gauci u s-Segretarju Raymond Attard ghan-nom u in rapprezentanza tax-Xghajra Tordanos Football Club**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Frar, 2004 fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u erbgha liri (Lm904.00) rapprezentanti kwantu ghas-somma ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400.00) bhala bilanc ta' xoghol ta' aluminium lilek mibjugh u kkonsenjat, u kwantu ghas-somma ta' Lm504 bhala prezz ta' 42 siggu u sebgha mwejjed.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra tad-19 ta' Novembru, 2003 kontra l-konvenuti illi minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.**

**Rat ir-risposta tal-konvenut nomine pprezentata fis-6 ta' April, 2004 fejn intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi:**
**1. Preliminarjament huma preskritti ai termini ta' l-artikoli relattivi tal-Kap 16.**
**2. Fil-meritu l-ammont pretiz mhuwiex dovut la fil-fatt u lanqas fid-dritt.**
**3. Fi kwalsiasi kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suepost, l-ammont pretiz huwa ezagerat.**

**Illi sussegwentement fis-seduta tad-29 ta' April, 2004 id-difensur tal-konvenut indika b'referenza ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata, l-Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 bhala l-artikolu applikabbli.**

**Ra l-affidavits ta' Joseph Saliba Junior, u Joseph Saliba Senior. Semghet ix-xhieda ta' Wilfred Gauci. Ra l-atti u d-dokumenti esebiti u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lill-avukati tal-partijiet jitrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda bilanc ta' xoghol ta' aluminium mibjugh u**
**kkonsenjata lill-konvenut.**
**2. Il-konvenut eccepixxa li l-azzjoni hi preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16, cioe' l-preskrizzjoni bl-gheluq ta' tmintax-il xahar. Il-kawza odjerna kienet giet prezentata fis-17 ta' Frar, 2004, u kien intbaghat invoice Dok B datat 4 ta' Jannar 1999 u d-Dok A datat 15 ta' Jannar 2001 fejn hemm referenza illi x-xoghol tlesta fis-26 ta' Marzu, 1999.**
**3. Mill-affidavits ma jirrizultax illi saru pagamenti ghalkemm hemm allegazzjoni illi l-konvenut qal lil Joseph Saliba Junior, "issa nissetiljaw kollox, ghatina naqra cans", u dan id-diskors sar allegatament wara li ntbaghtet ittra legali mis-socjeta' attrici fid-19 ta' Novembru, 2003 Dok A1.**

**4. Il-konvenut jikkonferma li rcevew l-ittra tad-19 ta' Novembru, 2003 pero' jichad kategorikament l-allegazzjoni li ghamel l-attur imsemmija fil-paragrafu precedenti. Skond il-konvenut kull ma kien qal kien li ser jara "x'inhi din il-bicca xoghol."**
**5. In vista tal-fatt illi ghadda t-terminu preskrittiv u in vista tal-fatt illi ma kien hemm ebda accettazzjoni tad-debitu u lanqas ebda interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv, it-Tribunal hu tal-fehma li ghandha tigi akkolta l-eccezzjoni sollevata.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt illi jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvent jiddikjara l-azzjoni preskritta a tenur ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Kodici Civili, u konsegwentement jichad it-talba attrici.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta' attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------